DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1611

tal-25 ta' Ottubru 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/638/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK, jenħtieġ li dawk il-miżuri restrittivi jiġu estiżi sas-27 ta' Ottubru 2019.

(3) Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-grad militari ta' tnejn mill-persuni elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2010/638/PESK tiġi aġġornata.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/638/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/638/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 8(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' Ottubru 2019. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, skont kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

(2) L-Anness għad-Deċiżjoni 2010/638/PESK huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10).

ANNESS

"*ANNESS*

LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 3 U 4

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Kaptan Moussa Dadis CAMARA	d.t.t: 1.1.64 jew 29.12.68 Pass: R0001318	Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli mill-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Guinea
2.	Kurunell Moussa Tiégboro CAMARA	d.t.t: 1.1.68 Pass: 7190	Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli mill-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Guinea
3.	Kurunell Dr. Abdoulaye Chérif DIABY	d.t.t: 26.2.57 Pass: 13683	Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli mill-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Guinea
4.	Logutenent Aboubacar Chérif (psewdonomu Toumba) DIAKITÉ		Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli mill-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Guinea
5.	Kurunell Jean-Claude PIVI (psewdonomu Coplan)	d.t.t: 1.1.60	Persuna identifikata mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta bħala responsabbli mill-avvenimenti tat-28 ta' Settembru 2009 fil-Guinea"